# L-1952 is-sena li rat lill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija trijonfanti

Jekk xejn, hu żgur li l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija dejjem kienet immexxija min-nies li dejjem ħabbewha u ħarsu l-interessi tagħha sabiex jibqa' sod l-għan li għalih twaqqfet din l-ewwel Soċjetà Mużikali Ħalluqija mis-sur Giuseppe Micallef fl-1883. Kienu diversi l-problemi li tfaċċaw matul is-snin, ma kienu xejn anqas l-isfidi li tpoġġew u nħolqu biex jitbaxxa l-moral ta' din is-Soċjetà. Kienu ħafna l-intoppi u saru ħafna bsaten fir-roti biex din is-Soċjetà tiġi diskreditata u mwarrba. Però illum, lejlet il-mija u għoxrin sena tagħha, naraw li l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija għadha trijonfanti u majestuża, tiddomina bil-Palazz tagħha fil-pjazza tar-raħal tul is-sena kollha. Dan hu xiehda ta' l-għaqal li dejjem għarfu jimxu bih id-diriġenti tal-membri ta' din is-Soċjetà, għaqal li dejjem issarraf f'ġieh lill-Patrun tar-raħal Sant'Andrija u l-akbar xiehda ta' dan hu l-istess isem tagħha.

Fl-1933, fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija d-diriġenti u l-membri tagħha mmexxija mis-sur Carm Zammit kienu rregalaw bandalora bl-istemma u l-motto ta' Ħal Luqa.

Fl-1952, fl-okkażjoni tas-Sebgħin sena ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija, d-diriġenti u l-membri taħt il-presidenza tas-sur Toninu Micallef irregalaw lis-Soċjetà l-isbaħ rigal li qatt setgħu jirregalawlha, l-"Palazz Bethsaida" f'Misraħ il-Knisja.

Sa qabel it-tieni gwerra dinija l-Każin tas-Soċjetà kien ġa fil-pjazza tar-raħal, f'Misraħ Sant' Andrija ħdejn fejn tinsab l-Għassa tal-Pulizija llum. Iżda fl-għeqqel tal-ħbit mill-ajru, il-Każin ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija sar munzell ġebel u terrapin bħalma spiċċa ħafna mill-bini l-ieħor li kien hawn fl-istess pjazza u anke l-knisja parrokkjali. Bħala post alternattiv, id-diriġenti akkwistaw post ieħor fi triq il-Karmnu li ma kien xejn addattat għas-Soċjetà. Dan iż-żmien kien żmien diffiċli ferm, x-xewqa tal-membri kienet li l-Każin tas-Soċjetà jerġa' jsib postu fil-misraħ, però aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdew isiru bsaten fir-roti u aktar saret diffiċli. Minn qalb it-tifrik strutturali li kien ġarrab il-Każin u t-tifrik morali li kienu ġarrbu d-diriġenti u l-membri ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija, fuq x-xefaq dehret ix-xemx u mliet b'kuraġġ dejjiemi lill-membri ta' din is-Soċjetà, filwaqt li ħasdet lil dawk kollha li ħadmu bla serħan sabiex jaraw li l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ma terġa' qatt lura bil-każin tagħha fil-pjazza. Kien proprju nhar il-21 ta' April 1951 meta l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija trasferiet is-sede tagħha għal numru 10 f'Misraħ il-Knisja, u l-post kien inawgurat bħala Palazz Bethsaida fis-6 ta' Lulju 1952.

## L-1952

Kif diġà rajna bħala President tas-Soċjetà kien is-sur Toninu Micallef, iben Salvu Micallef, ħu l-Fundatur u l-ewwel President tas-Soċjetà, Giuseppe Micallef. Is-Sur Toninu kien ġa president fi snin oħra, 1942-1944 fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinija, 1946-1947 u bejn 1951 u 1952. Is-Sur Toninu Micallef ħadem bla serħan flimkien ma' l-oħrajn sabiex jaraw li l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija tiċċelebra b'mod dinjituż l-anniversarju tagħha. Il-kumitat kien

ħatar Kummissjoni għal dan il-għan u kienet magħmula minn dawn is-sinjuri membri tal-Kumitat: Toninu Micallef – *President*, Duminku Zarb – *Segretarju*, Leli Schembri – *Kaxxier*, Andrew Cassar – *Vici-President*, Frans Mifsud – *Asst. Segretarju*, Andrew Demicoli – *Asst. Kaxxier*, G. B. Caruana – *Direttur*, G. M. Zammit – *Tezorier*, Carmelo Caruana – *Arkivista*, Anthony Demicoli u Karm Mangion – *Membri*.



ORGANISING COMMITTEE

Sfortunatament għajr għas-sinjuri Frans Mifsud u Carmelo Caruana illum Surmast tal-Kings Own Band tal-Belt, is-sinjuri l-oħra kollha m'għadhomx magħna, però it-tifkira tagħhom u l-ħidma li wettqu għall-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ma tintesa qatt.

Il-ħidma ta' dawn is-sinjuri flimkien ma' dik ta' ħafna oħrajn, membri u ammiraturi tas-Soċjetà ssarrfet f'festi kbar li għaġġbu u għadhom fil-memorja ta'dawk kollha li għexuhom u għadhom mimlijin bil-għomor. Ħidma li ħalliet lill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ħafna aħjar milli qatt kienet qabel. Fost id-diversi attivitajiet li saru, il-qofol ta' kollox kienu żewġ avvenimenti li kienu ta' sinifikat kbir, l-ewwel wieħed, l-inawgurazzjoni tal-Każin il-ġdid u l-ieħor ta' sinifikat għall-Banda ta' l-istess Soċjetà, jiġifieri t-tberik ta' l-istrumentatura ġdida tad-ditta Boosey & Hawkes u l-inawgurazzjoni ta' Arkivju Mużikali ġdid.

Il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 1952, b'diskors memorabbli mis-Segretarju, is-Sur Dom Zarb, ingħata bidu tal-festi kbar li saru b'tifkira tas-sebgħin anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Immedjatament wara, sar l-ewwel diskors minn kors ta' konferenzi li saru fil-Każin fuq suġġetti varji, sew reliġjużi u kemm soċjali. L-aħħar diskors minn dan il-kors sar mill-Eċċellenza Tiegħu, Mons. Emmanuel Galea, Isqof Titulari ta' Tralles. Il-Ħadd, 29 ta' Ġunju, filgħodu, saret quddiesa fil-knisja parrokkjali mill-Wisq Reverendu Kappillan Dun Ġużepp Debono, bi tqarbina ġenerali. Iktar tard tkanta Te Deum solenni u wara saret Konferenza fil-każin. Fl-istess jum filgħaxija waqt li fil-Każin kien hemm wirja ta' strumentatura ġdida li kienet se tiżżanżan f'dik l-okkażjoni, il-Pipes and Drums u l-banda tar-reġiment skoċċiż *The Highland Light Infantry* għamlu parata u wara programm fil-Pjazza tal-Knisja. Matul il-ġimgħa tkompla l-kors tal-konferenzi u s-Sibt 5 ta' Lulju 1952 saru marċi u programmi fil-Pjazza tal-Knisja mill-Banda St. Mary ta' Ħal Għaxaq u St. Helena ta' Birkirkara. Wara nħaraq logħob tan-nar ta' l-art li kien inħadem mis-soċju attiv ħafna s-Sur Ġużi Cremona. Il-Ħadd, 6 ta' Lulju 1952, filgħodu sar il-ftuħ uffiċċjali tas-sede l-ġdida ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija u l-kxif tal-lapida kommemorattiva mill-Onorevoli Dr. C. Caruana, Aġent Prim Ministru. Wara saret il-konsagrazzjoni tal-Każin u tas-Soċjetà lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija mill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima Sir Michael Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Fl-4 ta' filgħaxija ta' l-istess jum sar it-tberik ta' l-istrumentatura l-ġdida u żewġ standardi fuq iz-zuntier tal-knisja u wara l-Banda Sant' Andrija għamlet marċ mar-raħal. Iktar tard, il-Banda Kings Own u l-Banda Sant'Andrija għamlu programm fil-Pjazza tal-Knisja filwaqt li l-Banda Unjoni għamlet programm fil-Pjazza Sant' Andrija. F'din l-okkażjoni l-Banda Sant' Andrija rregalat tazza sabiħa lill-Banda Unjoni bħala rikonoxximent għas-sehem tagħha f'dawk il-festi.

F'din l-okkażjoni wkoll il-Banda Sant'Andrija daqqet l-Innu Kantata lill-Appostlu Sant'Andrija tas-Surmast Paolo Vella

li kien ġie rranġat għall-banda mis-Surmast Ant. Muscat Azzopardi fuq versi bil-Malti ta' l-Avukat George Zammit. Dak in-nhar il-Banda Sant' Andrija daqqet fuq il-palk il-kbir ta' St. Helen Band u l-King's Own fuq il-palk tagħha li kienu ġew armati fil-Pjazza tal-Knisja għall-okkażjoni.

Fost l-oġġetti li s-Soċjetà ġiet rregalata f'dawn il-festi ta' min isemmi l-bandalor li ġġib l-arma ta' Amalfi mingħand il-Concerto Bandistico di Amalfi u Kallotta mingħand Monsinjur Angelo Rossi, Arcivescovo di Amalfi.

Is-Sibt, 19 ta' Lulju 1952, saret lejla soċjali u l-festi ngħalqu b'Quddiesa Requiem b'sufraġju għal ruħ il-membri u l-benefatturi.

Issa l-Bord Editorjali ħaseb li tkun ħaġa sabiħa ferm li nirriproduċu parti mill-istorja kif dehret fil-Ktieb li s-Soċjetà ħarġet għal dawk il-festi.

*"Bosta kienu l-aspirazzjonijiet u xewqat li nerġgħu nsibu ruħna kif konna qabel il-gwerra; iżda kull tama kienet bi kbir diżappuntament tisfa' fix-xejn.*

*Konna wasalna fi stat li nirrassenjaw ruħna għax-xorti ħażina tagħna, meta bla waqt u bla xejn ħsieb, il-Providenza ħasbitilna għal post li seta' jissodisfa l-ambizzjoni tagħna; iżda mhux hekk malajr.*

*Taqtigħ il-qalb, tfixkil u nkwiet ma naqsux; imma fl-aħħar dak li kien għalina sar tagħna.*

*Nhar il-21 ta' April tas-sena li għaddiet, naraw il-Banda Sant' Andrija fis-sede tagħha l-ġdida, 10 Misraħ il-Knisja. Post centrali, sabiħ u addattat għal dak kollu li hu meħtieġ, u li jitlob każin tal-banda modern.*

*Il-Kumitat issa, moħħu mistrieħ li akkwista post xieraq, u li jista' jgawdih, inxteħet bil-ħila kollha, u b'xogħol iebes u bil-mezzi possibbli li seta' jiddisponi minnhom, ġieb mhux biss it-telf kollu li ġarrab fi żmien il-gwerra imma dawwar ukoll għajnejh fuq il-Banda, fejn il-bżonn ta' strumentatura ġdida ilu minn bosta snin jinħass.*

*Dan ġie imwettaq fil-5 ta' Jannar ta' din is-sena b'ordni mingħand P. Carabott l-aġent tad-ditta Boosey & Hawkes.*

*Għall-grazzja kbira t'Alla u tal-Patrun tagħna Sant' Andrija għalkemm għad baqa' affarijiet x'isiru nistgħu niċċelebraw dan l-anniversarju f'ambjent tajjeb u sodisfaċenti.*

*Nistgħu wkoll inħarsu lejn il-futur b'kuraġġ u tama qawwija li qegħdin naqdu dmirna tajjeb lis-Soċjetà."*

L-ewwel ġurnata fil-programm kienet nhar il-Ġimgħa 27 tax-xahar ta' Ġunju.

Fetaħ dawn il-festi s-Segretarju b'dan id-diskors:

*"Wisq Rev. Kappillan*
*Onor. Ministru*
*Rev. Kleru,*
*Sinjuri,*

*Għall-grazzja t'Alla qegħin il-lejla nagħtu bidu għall-festi b'tifkira tas-sebgħin anniversarju mit-twaqqif tal-Każin tal-Banda Sant' Andrija f'Ħal Luqa.*

*Is-Soċjetà għoġobha tonorani biex niftaħ dawn il-festi. Unur li għalih jien ma għandi l-ebda mertu, tant li tefagħni f'wieħed minn dawk il-mumenti rari fil-ħajja tal-bniedem li fihom ma jkunx kapaċi jfisser dak li verament ikun qiegħed iħoss.*

*Kien fil-bidu nett tas-sena 1883 meta l-Ispettru Sanitarju s-Sur Ġużeppi Micallef flimkien man-Nutar Franġisk Schembri Zarb u t-Tabib Ġakbu Baldacchino, waqqaf dan il-Każin.*

*Huwa kien l-ewwel President li t-tmexxija għaqlija tiegħu tat il-frott li din is-Soċjetà qiegħda llum tgawdi.*

*Il-livell għoli li fih illum din is-Soċjetà tinsab, huwa dovut lil diversi mexxejja għaqlin u enerġiċi li minn dejjem kellha. L-ħila tagħhom tidher ukoll f'isimhom. Huma dejjem mexxew is-Soċjetà fl-ikbar armonija u konkordja.*

*Is-Soċjetà kienet minn dejjem iffrekwentata min-nies eżemplari. Il-membri dejjem taw kunsiderazzjoni soda fl-għażla tal-mexxejja tagħhom; u hekk mal-mixja taż-żmien ninsabu issa taħt il-Presidenza tas-Sur Tonin Micallef.*

*Is-Sur Tonin Micallef bil-ħila tiegħu mhix komuni, żamm sħiħ il-prinċipju tal-mexxejja ta' qablu; kabbar aktar u aktar il-ġieħ tas-Soċjetà.*

*Nitlob skuża jekk forsi sejjer nabbuża u napprofitta ruħi minn dan il-mument iżda ma nistax inħalli okkażjoni bħal din tgħaddi bla ma nsemmi li l-Każin tal-Banda Sant' Andrija dejjem mexa fuq il-prinċipji li fuqhom ġie ffundat. Jiġifieri sabiex fost kollox ikabbar u jsebbaħ dejjem aktar il-festi b'unur u glorja lill-Appostlu Sant' Andrija.*

*Dan hu l-għan ewlieni li għalih ġie mwaqqaf il-Każin tal-Banda Sant'Andrija. Dejjem ibbażajna ruħna fuq dan il-prinċipju qaddis u nobbli.*

*Sabiex insaħħu dan il-għan, il-Kumitat awtorizzani niggarantixxi li aħna b'fehma soda u qalb waħda, naħdmu lkoll id f'id bil-ħila u bl-enerġija kollha tagħna.*

*Jiena żgur li għal dan għandi l-appoġġ mhux biss tagħkom li intom preżenti, iżda ta' kull Ħalluqi, li għandu għal qalbu l-festa titolari.*

*Nibża' li abbużajt wisq mill-ħin mogħti lili. Qabel nagħlaq nixtieq nitlobkom li intom u tant u tant oħrajn magħkom issegwu dan il-programm ta' dawn il-festi bl-akbar reqqa."*





## Il-Ħadd 6 ta' Lulju 1952

0930 – Ftuħ uffiċċjali tal-Każin il-ġdid u kxif ta' Lapida Kommemorattiva mill-Onor. Prim Ministru Dr. Borg Olivier LL.D., M.L.A., akkumpanjat mill-President Onorarju l-Onor. J.A. Camilleri LL.D., M.L.A., Ministru ta' l-Industrija u Kummerċ.





0945 – Il-Wisq Rev. Kappillan akkumpanjat mir-Rev. Kleru jbierek il-Każin.

1000 – Jasal l-Eċċ Reverendissima Tiegħu Mons. Sir Michael Gonzi D.D., B.Litt., B.L. Can (Greg), G.C.O.J., K.B.E., Arċisqof ta' Malta, Assistent fit-Tron tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, Metropolita tal-Provinċja Maltija. Wara li jiġi milqugħ kif jixraq jikkunsagra l-Każin lill-Qalb Santissima ta' Ġesù u lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

Qari ta' Indirizz u għoti ta' tifkiriet ta' l-okkażjoni

F'dawn iċ-ċerimonji li semmejna tieħu sehem il-Banda Queen's Own ta' l-Isla, b'innijiet u l-marċi li semmejna.

1600 Tberik ta' strumentatura ġdida u żewġ standardi mill-Wisq Rev. Kappillan Jos. Debono D.D. fuq iz-zuntier tal-knisja.